**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Ottubru 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 11/2019 JZM**

**Fl-atti tar-rikors ta`**

1. **DQR Limited (C84784),**
2. **DQR-COMPLY Limited (C86368),**
3. **DQR-MARKETS Limited (C86369),**
4. **DQR-MEDIA Limited (C86367),**
5. **DQR-Services Limited (C86366);**
6. **DQR-X Limited (C84839)**

**prezentat a tenur tal-Art. 329B tal-Kap 386**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentaw il-kumpanniji rikorrenti ("**ir-rikorrenti**") fit-**28 ta` Marzu 2019** fejn, ghar-ragunijiet li kienu mfissra, hija kienet mitluba :-

*1. Tqieghed lil kull wahda mill-kumpanniji rikorrenti taht procedura ta` rkupru skond il-provvedimenti Artikolu 329B Att.*

*2. Tahtar kontrollur specjali rispettivament ghal kull wahda mill-kumpanniji Rikorrenti biex jimmanigga u jamministra n-negozju ta` kull kumpannija Rikorrenti u rispettivament u dan ghal zmien specifikat minn din il-Qorti skont kif hu provdut taht l-artikolu 329B Att.*

*3. Tipprefiggi termini li fihom il-kontrollur specjali ghandu, nominat ghal kull kumpannija rikorrenti, jespleta kwalunkwe inkarigu li taghti din il-Qorti taht il-provvedimenti Artikolu 329B Att.*

*4. Skont l-Artikolu 329B(5)(a)(ii), tistabbilixxi r-remunerazzjoni ta` kull kontrollur specjali hekk nominat ; u*

*5. Skont l-Artikolu 329B(5)(a)(iii) tistabbilixxi z-zmien li fih kull wahda mill-kumpanniji rikorrenti ghandha tiddepozita somma ta` flus jew toffri garanzija xierqa jew arrangament iehor addattat li, fil-fehma ta` din il-Qorti, ikun bizzejjed biex ikopri r-remunerazzjoni u l-ispejjez tal-kontrollur specjali konnessi mal-hatra tieghu.*

*u dan taht dawn il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-istess Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi tal-kaz skont il-ligi.*

Rat illi r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-**5 ta` April 2019 fin-12.30 p.m.**, fejn wara li semghet ix-xiehda ta` Kristian Haehndel u ta` Ben Carlotti u wara li rat id-dokumenti, ir-rikors thalla ghal provvediment fil-miftuh fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2019.

Rat il-provvediment li tat fl-udjenza tad-**9 ta` Mejju 2019** fejn, ghar-ragunijiet ta` fatt u ta` dritt li kienu hemm mfissra fid-dettall, ipprovdiet hekk :

*Tilqa' l-ewwel (1) talba. Ghalhekk tqieghed kull wahda mill-kumpanniji rikorrenti taht procedura biex kumpannija tirkupra ("company recovery procedure") kif previst bl-Art 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tilqa` t-tieni (2) talba. Tahtar b`effett mil-lum bhala Kontrollur Specjali ghall-finijiet tal-Art 329B(5) tal-Kap 386 lill-Awditur Tonio Fenech, billi l-Qorti hija sodisfatta li huwa persuna li ghandu l-hila u l-esperjenza mehtiega biex iwettaq din il-hatra. Lilu taghti s-setghat u dmirijiet ta' tmexxija u amministrazzjoni tal-gid tal-kumpanniji rikorrenti, kif ukoll l-amministrazzjoni tan-negozju tal-istess, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Riferibbilment ghat-tielet (3) talba, u bl-applikazzjoni tal-Art 325B(1)(d) tal-Kap 386, tipprefiggi terminu ta` erba` (4) xhur mil-lum sabiex fihom jespleta l-inkariku tieghu.*

*Riferibbilment ghar-raba`(4) u l-hames (5) talbiet, tistabilixxi r-remunerazzjoni Kontrollur Specjali hekk nominat illum fl-ammont ta` tmint elef Ewro (€8,000), liema ammont ghandu jithallas fi zmien xahar mil-lum.*

*Tikkonferma li l-Kontrollur Specjali ghandu s-setghat kollha previsti mill-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Taghti lill-Kontrollur Specjali zmien sa mhux aktar minn xaghrejn mil-lum sabiex jipprezenta rapport inizzjali tal-hidma tieghu, kif previst mill-Art 329B(6)(c) tal-Kap 386, u rapporti ohrajn minn zmien ghal zmien skont kif jipprovdi l-Art 329B(11) tal-Kap 386.*

*Tidderigi lill-Kontrollur Specjali sabiex isejjah fiz-zmien stabbilit mill-Art 329B(7) tal-Kap 386 dawk il-laqghat mal-kredituri u/jew tal-membri, li huwa jqis fid-diskrezzjoni tieghu bhala mehtiega sabiex jinghata t-taghrif, u sabiex jitwettaq kif imiss l-inkariku tieghu.*

*Tordna li sakemm tibqa` fis-sehh il-procedura tal-lum, jibqa` operattiv kull ma jinghad fl-Art 329(4) tal-Kap 386.*

*Tordna lill-kumpanniji rikorrenti sabiex a spejjez taghhom jiehdu hsieb immedjatament in-notifika ta` dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpanniji, lir-Registratur tal-Qorti u lill-Kontrollur Specjali Awditur Tonio Fenech.*

*Tordna lill-kumpanniji rikorrenti sabiex, sa zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum, igibu avviz ta' daqs xieraq f'zewg gurnali lokali, wiehed bl-ilsien Malti u l-iehor bl-ilsien Ingliz, b`sunt tal-parti dispozittiva tal-ordni moghtija b`dan il-provvediment.*

Rat l-ewwel rapport li pprezenta l-Kontrollur Specjali fit-**3 ta` Lulju 2019** (Dok J1 - fol 237 et seq).

Rat it-tieni rapport li pprezenta l-Kontrollur Specjali fit-**2 ta` Settembru 2019** (Dok TF1 – fol 264 et seq).

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-**31 ta` Ottubru 2019, 14 ta` Jannar 2020, u 13 ta` Frar 2020.**

Rat l-ahhar rapport li l-Kontrollur Specjali pprezenta fl-udjenza tal-**15 ta` Ottubru 2020**.

Rat illi l-procediment thalla ghall-provvediment finali ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrenti kienu jinsabu lkoll f`qaghda finanzjarja prekarja rasenti l-insolvenza sa mill-ewwel jum li mexxew bil-procediment odjern, u anke qabel dakinhar.

Dan kien fatt accettata minn Kristian Haehndel fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-qorti.

Sal-mument meta nghata l-provvediment tad-9 ta` Mejju 2019, din il-qorti kienet bit-tama li r-*recovery proposal* (konfortat b`dokumenti) li pprezentaw ir-rikorrenti kien fattibbli, u ma kienx ser ikun hemm pregudizzju ghad-dannu tal-kredituri jekk issir il-hatra ta` Kontrollur Specjali.

Is-success tar-*recovery proposal* kien jiddependi fuq jekk ir-rikorrenti kinux sejrin jimmaterjalizzaw il-progett taghhom b`investiment ta` kapital gdid.

Kif jirrizulta mit-tliet rapporti – attenti, akkurati u dettaljati – li pprezenta l-Kontrollur Specjali, kien identifikat investitur partikolari li fattwalment esprima interess tangibbli fil-progett tar-rikorrenti.

Jirrizulta wkoll li minhabba ragunijiet li huma mfissra fl-istess rapporti l-investiment ta` dik il-persuna ma wasalx.

Lanqas ma waslu progetti alternattivi ta` investiment.

Tistqarr illi llum ma hemm l-ebda tama realistika illi, anke bi tmexxija bil-ghaqal u professjonali, ir-rikorrenti jistghu jaqbdu t-triq ta` negozju vijabbli.

Sprovvisti minn dak il-kapital frisk li jista` jaghti hajja lir-rikorrenti, fit-termini tal-Art. 329B(12)(a) tal-Kap. 386, il-qorti ssib li l-ahjar triq ghar-rikorrenti u ghall-kredituri taghhom huwa li taghti ordni ta` xoljiment u stralc tar-rikorrenti.

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi –**

**1. Tirrevoka l-provvediment li tat fid-9 ta` Mejju 2019 fejn, fost ordnijiet ohra, ir-rikorrenti tpoggew taht procedura biex kumpannija tirkupra (*company recovery procedure*) skont l-Art. 329B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. Konsegwentement tirrevoka l-inkariku tal-Awditur Antonio Fenech bhala Kontrollur Specjali b`effett mil-lum.**

**3. Tordna x-xoljiment u l-istralc tar-rikorrenti.**

**4. Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tar-rikorrenti bis-setghat u d-dmirijiet kollha previsti fil-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**5. Tordna lill-istralcjarju sabiex jipprezenta rapport tal-hidma tieghu fi zmien xahrejn mil-lum.**

**6. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez tal-istadji kollha tal-procedura skont l-Art. 329B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta inkluzi l-ispejjez u d-drittijiet tal-Kontrollur Specjali.**

**7. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha tal-istralc, inkluzi l-ispejjez tal-istralcjarju.**

**8. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex a tenur tal-Art. 329B(12)(a) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta jibghat minnufih kopja ta` dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni.**

**9. Thalli l-istralc ghall-udjenza tal-Hamis 7 ta` Jannar 2021 fid-09.00am.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**